Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 28
## It-Tlieta 27 ta'Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ online fil-5:30pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Charles Selvaggi : Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

28.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta' apoloġija tas-Sur Charles Selvaggi.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

28.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-27 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

28.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil Kunsilliera preżenti li se ssir konferenza fil-31 ta' Awissu bit-tema "Europe of Diversity - Integration and Socialization of Migrants" (EU Project) fil-Bulgarija dwar l-integrazzjoni. Dan huwa proġett imħallas mill-Fondi Ewropew u minħabba ż-żmien qasir, riedu konferma mill-lum għal għada dettalji ta' min se jmur. Għalhekk għal dan il-progett se tmur hija flimkien mas- Sur Nicholas Chircop.

**28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

28.4.01 B'referenza għall-minuti 23.3.01,Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-proġett ta'drenaġġ mill-WSC li jinsab wieqaf go Xatt ta'Xbiex.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-WSC ma setgħetx tmur fuq it-tieni offerta fejn spjegat dwar il-proċeduri u proċess f'sitwazzjonijiet bħal dawn u li l-WSC trid toħroġ sejħa ġdida..

28.4.02 B'referenza għal minuti 27.3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li se jsir Webinar ta' Konsultazzjoni rigward il-Politika l-ġdida għall-Gvern Lokali, nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021, bejn l-4:00pm u s-6:00pm fuq Zoom.
Ser isseħħ diskussjoni imsejjsa fuq l-għaxar pilastri illi hi bażata fuqhom din il-politika l-ġdida.
Il-kunsilliera huma mistiedna illi jirreġistraw għal din l-attività u fl-stess ħin jindikaw l-intenzjoni fuq liema pilastru jixtiequ jagħmlu l-intervent.

28.4.03 B'referenza għal minuti 27.3.07 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni online dwar Allotment Gardeining Proposal - Community Gardening fejn ġew indikati xi central strips li jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

28.4.04 B'referenza għall-minuti 27.3.09, Is-sur Maurice Agius staqsa dwar il-progress ta' x-xogħol .
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jinsab infurmat li beda xi xogħol go Triq Nazju Falzon.

28.4.05 B'referenza għal minuti 27.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mall-kuntrattur jara jekk hux possibbli li WIFI4EU jkun skond fejn se jkunu nstallat ic-CCTV biex jintużaw għal dan l-iskop. Hemm xi teknikalitajiet li trid tiġi diskussa mill-kunsill minħabba li dawn se jkunu ma' server kontrollat u ma hux possibbli li jintuża għal dan l-iskop għalhekk se jkunu kunsidrati siti oħra.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibbli li jkun hemm xi wħud minn dawn ma ċentru parrokkjali u dawl jingħata miċ-ċentru.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota biex jara jekk il-kuntrattur jistax jagħmel hekk.

28.4.06 B'referenza għal minuti 27.4.05 dwar l-ittra relatata mal-Avviż Legali 146 tal-2021,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li kellu laqgħa online ma rappreżentanti għall-awtorità Ambjent u Riżorsi fejn ta'raġunijiet għala il-kunsill mhux qed jipprovdi lista ta' Recycling Points (Bring in Sites). Dawn baqgħu xorta jesiġu biex dawn issiru go parkeġġi u zoni pubbliċi oħra .Dawn ġew magħrufa li l-kunsilli huma rrappreżentat mill-AKL li l-ERA stess konfermat ġa talbet biex ssir laqgħa fuq dan is-suġġett.

28.4.07 B'referenza għall-minuti 24.4.06 dwar il-proġett tal-Flyover,Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għadu fil-proċess ta'screening.

28.4.08 B'referenza għall-minuti 27.4.07, Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk saritx il-laqgħa dwar l-aċċess għal Triq San Andrija forsi din tkun implimentata qabel terga tibda l-skola..
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fil-ġurnata saret il-laqgħa u spjegat li rat il-problema li għandhom u hemm bżonn issiru arranġamenti kif propost minn TM li tkun except for registered farmers only holding LC permit.

28.4.09 B'referenza għal-minuti 27.4.08, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar kuntatt mal-iżviluppatur tal-blokka go Triq L.Zamenhof biex jeħel id-dawl mal-faċċata.

28.4.10 B'referenza għal minuti 27.4.11, is-Sur Maurice Agius staqsa dwar jekk saritx Group Life Policy.
Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kunsill applika mal-AKL li qed jieħdu ħsieb kollox u rridu nistennew minn għandhom.

28.4.11 B'referenza għal minuti 27.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-permess għal Club tal-Boċċi biex ssir it-tombla.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din qed ssir fuq in-naħa ta' ġewwa għalhekk ma għandhomx bżonn permess ta'attività mill-kunsill.

28.4.12 B'referenza għal-minuti 27.4.15,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li saret draft għal ittra lir-residenti dwar tibdil fl-isem tat-triq iżda hemm bżonn li dan jintgħażel mill-kunsill.

28.4.13 B'referenza għall-minuti 27.4.17, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol ta'tarmak go Triq it-Torri reġa' beda għaddej.

28.4.14 B'referenza għall-minuti 27.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill idelega lill-AKL biex titratta dwar l-MOU għal permessi temporanji għal stabbilimenti tal-ikel.

28.4.15 B'referenza għal minuti 27.5.08 dwar problema ta' parkeġġ abbużiv quddiem drive in go Triq D.Famucelli Is-Segretarju Ezekkutiv gharraf lill kunsilliera prezenti li TM approvat li ssir l-estensjoni zghira l-barra mill-bankina .

28.4.16 B'referenza ghall-minuti 27.5.09 dwar talba ghall-danni f'tyre wara incident li sar go Triq C.De.Brocktorff. Is-Segretarju Ezekkutiv gharraf lill kunsilliera prezenti li din giet accetata

28.4.17 B'referenza ghall minuti 27.5.11 dwar sar ir-rapport dwar hsara li hemm go bus shelter Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din saret .

28.4.18 B'referenza għall-minuti 23.5.15, Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof .

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan reġa' ġie rappurtat lill TM biex jiġbruh u spjega li ġa tkellem mal-avukat dwar xi tibdiliet fil-leġislatura iżda jrid ikun ċar u jiżgura li jekk jibda jieħu ħsieb il-kunsill dawn issiru kif suppost mingħajr l-ebda spiża jew konsegwenza legali oħra.

28.4.19 B'referenza għal minuti 27.5.17Is-Sur Nicholas J Chircop għarraf lill kunsilliera preżenti li l-attività bdiet iżda kien hemm bdil fil-hin u ġurnata.

28.4.20 B'referenza għal minuti 27.5.19 il- Luzzu ta' 26 pied inġabar minn Wied il-Għajn u tpoġġa ġol-parti fil-ġnien ta' Misraħ San Guzepp. Se jsir wkoll xi xogħol biex jkun invelat fuq posti addattati u restawrat .

28.4.21 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-aċċessi għal garaxx fi-triq Achille Ferris għax hadd ma jaf x'se jiġi eżatt u meta se jibda ix-xogħol.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kitbet lill perit li indika l-aċċessi għal fejn hemm il-lift. Rigward ix-xogħol jidher li għadhom qed jistennew xi haġa minn TM.

28.4.22 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-għaqdiet tan-nar li għamlu wirja tajba u responsabbli fiċ-ċirkostanzi tal-mument u staqsa jekk il-kunsill setax jibgħat ittra ta'ringrazzjament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota.

28.4.23 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk jistgħux jiżdiedu xi bin fejn il-bandli.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota.

28.4.24 B'referenza għall-minuti 12.4.02, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-akkwist ta' fond go Triq il-Kunċizzjoni.

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li min qed jikri l-fond għad iridu jiddiskutu mal-Awtorità tal-Artijiet

28.4.25 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet dwar x ssir meta jkun hemm il-ġrieden.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ssir rapport lis-sanità u dawn jiġu u jagħmlu pellets.

**28.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

28.5.01 B'referenza għall-minuti 23.5.01 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja bi proposti tal-avukat li issejħet u ingħaqdet fis- seduta biex tagħti spjegazzjoni ta' dettalji tekniċi lil kunsilliera preżenti dwar it-tibdil kollu proposti li jipprovdu biex jkunu hemm kontroll aħjar u għodda legali biex il-kunsill jkun jista' jimplimenta dawk il-miżuri xierqa għall-interess tal-komunità , l-ambjent tal-post u jrażżnu l-abbużi permezz ta' penali u garanzija.
L-avukat għamlet spjegazzjoni u għaddiet pariri għal kull sezzjoni tal-Byelaw fejn il-kunsilliera iddiskutew u ħadu deċiżjonijiet biex
tinstab / jinstabu definizzjoni/iet u jsiru emendi li tagħti deskrizzjoni ċara ta liema biċċiet jistgħu jagħmlu użu mill- iskall.
5.1 - id-daqs jiġi emendat minn 12 il-metru għal 9 metri
7 - jitnehha

28.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni ma' TM biex ssir pedestrian crossing fejn il-bandli tas-Swatar fejn dawn għamlu s-suġġeriment tagħhom fejn ssir flimkien ma' suġġeriment ieħor biex it-triq tiġi one way. Hawn spjegat fil fehma tagħha din se tiġi falza fejn issuġġeriet biex il-kunsill jara l-aħjar post fejn din tista' ssir.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li jaqbel u l-aħjar ssir hekk fuq il-post

28.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret talba biex ssir bust tan-nannu tal-applikant li kien joqgħod l-Imsida u għaddiet id-dettalji dwar il-persuna msemmija u spjegat li l-ispejjez kollha jiġu mħallsa mill-applikant. Fl-istess hin għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar proposta biex il-monumenti li hemm fil- bandli la jinqala jigu allokati go zona ohra.
< Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar ir-restawr taghhom>
Il-kunsilliera ddiskutew u ma sabux oġġezzjoni dwar il-bust iżda ma ħadux deċiżjoni dwar il-busts li hemm fil-bandli.

mizjuda:< Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar ir-restawr taghhom>

**28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

28.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal-Audited Financial Report għas-sena 2020.
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-awdituri għamlu xi emendi fid-dħul ta' €834,875 minħabba dħul ieħor li daħal matul is-sena kurrenti, ġiet ssuġġerita li jkun inkluż
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

26.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 2nd Qtr : Financial indicators 1st Jan to 30th June 2021 u reviżjoni tal-Estimi.
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 55% li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u għamlet spjega dwar ir- reviżjonijiet żgħar fl-estimi li saru u l-ammont ta'riserva €378.000 kif huma maħsuba għal proġetti li qed jiġu pjanata biex tkun evitata problema ta'cash flow meta ssir ħlas għax il- fondi allokati għal l-Iskop ma jiġux mgħoddija mal-ewwel.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

28.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-28 ta' ħlasijiet bejn l-23 ta'Ġunju 2021 sas-27 ta'Lulju 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Alfred Farrugia u s-sekondat mis-Sur Nicholas J Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**28.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 24 ta'Awissu 2021.

Minuti konfermati, illum 24 ta'Awissu 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv